


Sengħa tradizzjonali li għadha popolari fil-gżejjer Maltin hija dik tal-bini tal-presepju. Għalkemm din is-sengħa mhix marbuta mas-snajja' oħra li huma relatati mal-festi, ċertament għandha tingħata mportanza.

Jeżistu diversi materjali li bihom jinbena presepju, Iżda l-iżjed metodu komuni u popolari huwa dak tal-ġablo. Il-ġablo fih ħafna vantaġġi biex taħdmu.

L-ewwel pass biex jinħadem il-presepju huwa id-disinn (sketch) fejn dan jitqassam f' taqsimiet; pereżempju, grotta, wied, xi taraġ u xi djar 'il fuq mill-grotta li joħolqu dak il-pajsaġġ tipiku.

Bħala bidu, irid ikun hemm idea ċara dwar id-daqs tal-pasturi sabiex l-istruttura tal-presepju ikun bi proporzjon mal-pasturi. Wieħed tajjeb ukoll li jkollu stampa ċara ta' fejn ġej dan il-presepju u hekk jipprepara l-bażi tiegħu li tkun ġeneralment tal-injam.
Wara li jkunu kkunsidrati dawn il-fatturi, jingħata bidu għall-bini tal-presepju billi jiġi ffurmat l-għar prinċipali li fih titpoġġa n-nativita'.

Bla dubju, l-għar tan-nativita' jingħata prominenza fil-presepju, u għalhekk l-artist irid jippjana sabiex dan jingħata l-importanza fl-istruttura kollha.

Wara jkun imiss li jibda jiġi ffurmat il-ġablo fejn dan jinqata' f'biċċiet u jinbena waħda fuq l-oħra b' tali mod li jkun iffurmat l-għar. Il-ġablo jibda jitħaffer u jkun iffurmat kif jixtieq l-artist. Dan jitwaħħal waħda mal-oħra bil-kolla bajda u msaħħaħ permezz ta toothpicks. Dawn jippermettu li x-xogħol iżomm sakemm tagħqad il-kolla.


Il-grotta prinċipali fi sfond ta' bini tipiku Malti.

L-istess isir għall-bini tad-djar jew turġien. Id-differenza hawn iżda hi li l-biċċiet tal-ġablo jridu jkunu ċatti u mhux ħoxnin biex l-istruttura tinħadem aħjar. Permezz ta' riga jsir il-kejl eżatt (to scale) minn fuq xi ritratt jew mudell u dan ikun applikat fl-istruttura tal-presepju. Sabiex tkun tal-istess proporzjon, mhux biss tal-bini oriġinali imma wkoll tal-istess proporzjon tal-pasturi. Speċjalment il-bini tad-djar, it-twieqi u l-bibien.

Hekk kif il-presepju ikun lest mill-blat, ikun imiss li jkun ippjanat id-dawl u t-tip ta' bozoz li sa jintużaw. Dawn ikunu ġeneralment bozoz żgħar li jaqbdu direttament mad-dawl. Huwa fl-istadju fejn il-qafas tal-presepju jkun lest mill-ġablo li d-dawl kollu, jiġifieri l-holders tal-bozoz u l-wires jitpoġġew f' posthom. Dan sabiex wara li jkun ippruvat, il-wires ikunu mgħottija fl-istadju li jmiss meta jibda l-użu tal-ġibs.

F'dan l-istadju, il-presepju jinkesa bil-ġibs permezz ta' diversi passati. Dan sabiex il-biċċiet tal-ġablo jsiru ħaġa waħda imma fl-istess ħin, joħorġu l-effetti tal-blat. Għal dan ix-xogħol, jintuża ġibs Ingliż biex jagħti ċans lil min ikun qed jaħdmu u ma jinxifx mal-ewwel. F' kontenitur żgħir bl-ilma, jibda jintefa' l-ġibs b' mod gradwali sakemm jibda jagħqad.

Imbagħad, permezz ta' pinzell jingħalqu t-toqob tal-ġablo. Meta l-ġibs ikun applikat, huwa important li permezz ta' pinzell il-ġibs ikun imxappap mal-ġablo mhux miżbugħ. Dan sabiex meta jitneħħa iż-żejjed, il-blat jiġi ffurmat sabiħ. Fejn jirrigwarda l-bini il-ġibs ma jkunx applikat bl-istess mod tal-blat, imma hawnhekk jinżebagħ sabiex id-dettalji tal-istrutturi jkunu aktar mirquma.

Kif jitlesta dan il-proċess, il-presepju jitħalla jinxef sewwa. Wara li jsiru l-aħħar irtokki u jkun aċċertat li kullimkien ikun magħluq bil-ġibs, jibdew jiġu mfassla l-kuluri. Hawn ukoll jidħlu diversi teknikalitajiet li kollha huma tajbin; però l-aħjar li jintużaw huma kuluri acrylic għaliex huma tajbin speċjalment meta tiġi biex tisfuma.

L-ewwel li jsir hu li tingħata passata l-presepju kollu b' kannella skur. Dan sabiex fuq l-isfond skur ikunu applikati pinzellati b' kuluri ċari sabiex jinqalgħu l-effetti tad-dawl u dellijiet. Il-kuluri jvarjaw minn griż ċar, isfar, kannella ċar, aħdar u ma jistax jonqos ukoll ftit abjad. Sabiex isir l-isfumar, jintuża pinzell żgħir u biċċa drapp. Dan sabiex xi ftit żebgħa żejda titnaddaf.

B'hekk issa li l-presepju huwa komplut mill-istruttura tal-bini, għerien u mżejjen bil-kuluri, ikun fadal il-final li huwa t-tqegħid tal-pasturi u l-veġitazzjoni bil-ħaxix mal-blat u l-widien, liema xenarju nsibuh fil-pajsaġġ sabiħ Malti, speċjalment fil-jiem tal-ħarifa u x-xitwa. Għall-veġitazzjoni jista' jintuża ħaxix artifiċjali li jinstab għall-bejgħ mill-ħwienet li jbigħu l-aċċessorji tal-presepji.

Għal riżultat aktar reali wieħed jista' juża wkoll friegħi żgħar bħal dak tad-delu. Id-delu jikber f'siġar baxxi qalb l-irdum tal-widien u jista' jinqata' legalment. Hawnhekk huwa importanti li wieħed jaqta' friegħi żgħar u kemm għandu bżonn, filwaqt li joqgħod attent li ma jagħmilx ħsara lis-siġra. Fl-aħħar tajjeb li wieħed jagħti ftit verniċ clear varnish f' ċerti postijiet biex jiġi jleqq, filwaqt li jitpoġġew il-pasturi fejn mixtieq.

## Il-materjal użat

Ġablo
Kolla bajda
Tooth picks
Gazzetti u tissues
Ġibs
Zkuk
Kartun
Kuluri acyrlic

## Il-metodu fil-qosor

Il-proċess jibda billi tkun iffurmata l-grotta, l-għerien u l-passaġġi permezz tal-ġablo. Il-biċċiet tal-ġablo jiġu infurzati flimkien permezz tal-kolla bajda u t-toothpicks biex jeħlu ma' xulxin.

Hekk kif dan jinxef, il-ġablo jinkesa bit-tissues. Biex dan jeħel, titħallat il-kolla bajda ma' ftit ilma sabiex tiġi aktar ħafifa u tkun applikata fuq il-ġablo u t-tissues. Dan sabiex jifforma texture ta' blat.

Bl-istess mod, jiġu ffurmati xi djar ukoll permezz ta' kartun li jitgħaqqad ma' xulxin bil-kolla. Għal dehra aktar reali, it-twieqi u l-bibien jinħadmu f'minjaturi tal-injam.

Jitwaħħlu l-bozoz għad-dawl, speċjalment fil-grotta prinċipali, b'tali mod li dawn ma jkunux jidhru.

Fuq il-ġablo, jiġi applikat il-ġibs verġni fuq il-presepju kollu u jitħalla jinxef. Wara jkun imiss li jingħata l-kulur. Għall-kulur, tintuża żebgħa acrylic ta' kulur kannella, abjad, iswed, u aħdar

Il-proċess taż-żebgħa jibda billi jiġi applikat kulur skur bħall-kannella biex imbagħad jingħataw fuqu pinzellati ta' kulur abjad u griż fuqu sabiex jinħolqu effetti ta' dellijiet u sfumaturi fil-ġebel. L-istess jiġri għall-kulur aħdar u iswed.

Finalment, jitpoġġew l-pasturi fil-presepju. Fi presepji kbar, il-pasturi jkollhom daqsijiet differenti. Il-kbar jitpoġġew fuq quddiem, filwaqt li ż-żgħar jitpoġġew fuq wara. Dan biex ikunu rispettati l-proporzjonijiet.